

KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
– REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA –

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

AD 51/26

LIMITE

CONF-MD 12

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Ġabra 6: Relazzjonijiet esterni

NEGOZJATI TAL-ADEŻJONI

Repubblika tal-Moldova

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UE

**(b'segwitu għall-Pożizzjoni ta' Negożjar tar-Repubblika tal-Moldova AD 39/26 CONF-MD
10)**

Ġabra ta' Negożjati: 6

Relazzjonijiet esterni

Inkluż il-kapitoli 30 – Relazzjonijiet esterni, 31 – Politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-konferenza mal-Moldova dwar l-adeżjoni (AD 11/24 CONF-MD 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Moldova jew l-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod ma hija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħra;
- ftehimiet li ntlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiċi, anke dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;

kif ukoll għar-rekwiżiti stipulati fil-punti 5, 12, 42, 49, 50, 51 u 52 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġeg lill-Moldova tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali tiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Moldova, fil-pożizzjoni tagħha AD 39/26 CONF-MD 10 taċċetta l-acquis tal-UE taħt il-Ġabra 6 kif fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2026 u li ser tkun lesta timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

1. Kapitolu 30 – Relazzjonijiet esterni

L-UE tinnota l-allinjament parzjali tal-Moldova mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-**politika kummerċjali komuni**. L-UE tistenna li l-Moldova ssaħħa il-kapaċità amministrattiva tagħha biex tiżgura li l-ftehimiet internazzjonali tagħha jinġiebu f'konformità mal-acquis tal-UE u li l-leġiżlazzjoni kollha direttament applikabbli tal-UE fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni tal-UE tiġi applikata b'mod effettiv sad-data tal-adeżjoni. L-UE tinnota l-impenn tal-Moldova li tkun kompatibbli f'kuntesti multilaterali u bilaterali mal-pożizzjonijiet tal-UE skont il-politika kummerċjali komuni sad-data tal-adeżjoni. L-UE tistieden lill-Moldova tkompli tikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea fuq il-bidliet kollha fil-politika kummerċjali fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni u tallinja ruħha mal-politiki u l-pożizzjonijiet tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi u fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż fin-negozjati kollha fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

L-UE tissottolinja li hija r-responsabbiltà tal-Moldova li tiżgura li fil-mument tal-adeżjoni l-**ftehimiet internazzjonali** kollha tagħha, u b'mod partikolari kull ftehim relatat mal-kummerċ u kull trattat bilaterali ta' investiment bejn l-Moldova u pajjiżi terzi, ikunu f'konformità mal-acquis. L-UE tfakkar li l-Moldova ser tkun meħtieġa ttemm il-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha bejn il-Moldova u pajjiżi terzi, u l-ftehimiet internazzjonali l-oħra kollha konklużi mill-Moldova li huma inkompatibbli mal-obbligi tas-sħubija fl-UE u b'mod partikolari l-kompetenza esklużiva tal-UE għall-Politika Kummerċjali Komuni. L-UE ser tissorvelja mill-qrib l-isforzi tal-Moldova f'dan ir-rigward.

L-UE tissottolinja l-importanza li l-Moldova tiddenunzja l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles kollha tagħha fl-intier tagħhom sad-data tal-adeżjoni u li tiżgura li l-ftehimiet kollha dwar il-kummerċ, l-investiment u l-kooperazzjoni ekonomika u ftehimiet oħrajn rilevanti jinġiebu f'konformità mal-acquis. Il-Moldova mistiedna żżomm lill-UE infurmata dwar il-kontenut ta' kwalunkwe negozjat f'dan ir-rigward ma' pajjiżi terzi u tikkoordina mill-qrib kwalunkwe negozjat bħal dan mal-Kummissjoni. L-UE tisħaq l-importanza li l-Moldova tiżgura li kwalunkwe ftehim ġdid relatat mal-kummerċ li l-Moldova tista' tikkonkludi ma' pajjiż terz minn issa sad-data tal-adeżjoni għandu jinkludi dispożizzjoni li tippermetti lill-Moldova ttemm il-ftehim, qabel l-adeżjoni, mingħajr il-ħtieġa ta' kumpens ta' kwalunkwe tip mill-UE. L-UE tinnota li l-Moldova għandha tapplika t-tariffa doganali komuni tal-UE għall-prodotti kollha u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tal-UE fis-servizzi, mill-jum tal-adeżjoni.

L-UE tinnota l-allinjament tal-Moldova mal-acquis tal-UE dwar **il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju**. L-UE tistenna li l-Moldova ssaħħa il-kapaċità amministrattiva u t-tħejjija tal-persunal tagħha biex tapplika r-regoli tal-UE b'mod effettiv f'dan il-qasam fil-mument tal-adeżjoni. L-UE tenfasizza wkoll l-importanza li l-Moldova tkompli l-aġġornament regolari tal-Lista ta' Kontroll Nazzjonali ta' oġġetti b'użu doppju f'konformità mal-aħħar lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat. L-UE tieħu nota tal-isforzi li qed twettaq il-Moldova biex tingħaqad mal-**Arranġament ta' Wassenaar**, li jista' jiffaċilita t-tħejjijiet għall-implimentazzjoni tal-acquis għal oġġetti b'użu doppju, u tistieden lill-Moldova tlesti l-adeżjoni tagħha mingħajr dewmien. L-UE tistieden ukoll lill-Moldova tiżgura l-adeżjoni bikrija tagħha mal-Grupp ta' Fornituri Nukleari (NSG) u s-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (MTCR). Barra minn hekk, il-Moldova mistiedna tikkunsidra l-possibbiltà li taderixxi mal-Grupp Awstralja (AG), bħala pass pożittiv lejn l-allinjament mal-acquis tal-UE u lejn is-sħubija mal-Grupp Awstralja.

Jeħtieġ ukoll li l-Moldova tapplika r-regoli tal-UE għall-appoġġ uffiċjali għall-kreditu għall-esportazzjoni u tiżgura infurzar effettiv tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ tal-UE fil-mument tal-adeżjoni.

L-UE tinnota li hemm leġislazzjoni nazzjonali li tirregola **l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin (IDB)** fil-Moldova u tilqa' l-impenn tal-Moldova li tkompli tallinja l-leġislazzjoni tagħha mar-regoli tal-UE f'dan il-qasam sa tmiem l-2025. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Moldova tallinja mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/452 dwar l-iskrinjar tal-IDB inkluż dawk tar-Regolament rivedut, ladarba jiġi adottat.

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**istrumenti tal-politika barranija**, il-Moldova mhijiex parti mill-**Proċess ta' Kimberley**. L-UE tinnota wkoll li l-Moldova ser issir awtomatikament parti mill-Proċess ta' Kimberley mid-data tal-adeżjoni mal-UE. Għalhekk, l-UE tistieden lill-Moldova tkompli bit-tnejniet tagħha, inkluż l-allinjament leġislativ, sabiex tiżgura, mid-data tal-adeżjoni, li tapplika r-regoli li jirregolaw il-Proċess ta' Kimberley. L-UE tiegħu nota li l-Moldova mhijiex allinjata mal-acquis tal-UE dwar **il-ġlieda kontra t-tortura**. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Moldova tallinja b'mod sħiħ mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-ġlieda kontra t-tortura, u tfakkar fil-hteġa ta' infurzar effiċjenti tar-regoli li jrid jiġi żgurat fil-mument tal-adeżjoni.

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**politika tal-azzjoni esterna**, il-Moldova tintrabat mal-politika u l-prinċipji tal-UE li jiggwidaw is-sħubijiet internazzjonali tagħha. L-UE thegġegħ lill-Moldova tistabbilixxi qafas legali li jkopri l-kooperazzjoni internazzjonali u l-politika tal-iżvilupp li jkun konformi mal-politika u l-prinċipji tal-UE, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi.

L-UE tinnota li fil-qasam tal-**politika dwar l-għajnuna umanitarja**, il-Moldova tintrabat mal-politika u l-prinċipji tal-UE li jiggwidaw l-għoti ta' għajnuna umanitarja. L-UE tilqa' l-istabbiliment reċenti ta' qafas legali mill-Moldova li jkopri l-politika dwar l-għajnuna umanitarja lil pajjiżi terzi f'konformità mal-politiki u l-prinċipji tal-UE.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-relazzjonijiet esterni**, il-Moldova għandha qafas legali u strateġija nazzjonali fis-seħħ għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-UE tistenna li l-Moldova tintensifika l-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz ta' infurzar effettiv u sostnut tal-miżuri kontra l-korruzzjoni, inkluż miżuri preventivi u sensibilizzazzjoni.

2. Kapitolu 31 – Politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża

L-UE tilqa' l-fatt li l-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża tal-Moldova huma ggwidati mill-għażla strateġika tal-Moldova lejn is-sħubija fl-UE u jirriflettuha.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**istituzzjonijiet u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet**, il-Moldova tinsab fit-triq it-tajba biex tħejji għall-implimentazzjoni effiċjenti u f'waqtha tal-PESK tal-UE. L-UE thegġegħ lill-Moldova ttejjeb il-kapaċità istituzzjonali tagħha f'dan il-qasam.

L-UE tissottolinja d-**djalogu politiku** estensiv tagħha mal-Moldova, li jirrifletti l-firxa u l-profondità tal-kooperazzjoni tagħna mal-Moldova fl-oqsma tal-PESK u tal-PSDK. L-UE tieħu nota tal-impenn sod tal-Moldova li timxi 'l quddiem lejn is-sħubija tagħha fl-UE permezz ta' politika barranija strateġika u proattiva. L-UE tieħu nota tad-djalogu politiku regolari u s-sensibilizzazzjoni ma' għadd ta' sħab terzi [...] kif ukoll ir-rwol attiv tagħha fir-reġjun u f'inizjattivi/formati reġjonali, filwaqt li tieħu pożizzjonijiet allinjati mal-valuri u l-interessi tal-politika barranija tal-UE. Il-Moldova ddikjarat l-appoġġ qawwi tagħha għas-sovraniżm, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Fir-rigward tal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)**, l-UE tinnota li, fl-2024, il-Moldova laħqet rata ta' allinjament ta' 91 % mad-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli fisem id-Deċiżjonijiet tal-UE u tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi. L-UE thegġegħ bil-qawwa lill-Moldova tieħu aktar passi konkreti lejn allinjament sħiħ mad-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli fisem l-UE u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi, f'konformità mal-prinċipji tas-sovraniżm u l-integrità territorjali tal-istati kollha, bil-ħsieb li tilħaq 100 % tal-allinjament sad-data tal-adeżjoni.

L-UE tieħu nota tal-allinjament parzjali tal-Moldova mal-acquis tal-UE dwar il-**miżuri restrittivi**. L-UE tistenna li l-Moldova tallinja bis-sħiħ mar-reġimi kollha ta' sanzjonijiet tal-UE sad-data tal-adeżjoni. L-UE tieħu nota tal-isforzi mill-awtoritajiet biex jallinjaw il-leġiżlazzjoni u l-mekkaniżmi dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi mal-acquis tal-UE. L-UE tistieden lill-Moldova tkompli ssaħħaħ il-qafas tagħha għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet f'konformità mal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota l-impenn tal-Moldova li tkompli tappoġġa l-miżuri u l-azzjonijiet implimentati mill-UE bil-għan tal-**prevenzjoni tal-konflitti** u tipparteċipa fihom, inkluż bl-istabbiliment ta' mekkaniżmu nazzjonali ta' twissija bikrija. L-UE tistieden lill-Moldova tkompli tallinja l-qafas leġiżlattiv u tekniku tagħha dwar il-prevenzjoni tal-konflitti mal-acquis tal-UE, tkompli tnaqqas id-distakk bejn it-twissija bikrija u l-azzjoni bikrija, filwaqt li tiżgura li l-analiżi tiggwida l-azzjonijiet ta' prevenzjoni tal-konflitti b'mod integrat. Fir-rigward tan-**nonproliferazzjoni**, l-UE tinnota li l-Moldova tappoġġa l-oġettivi tal-UE dwar id-diżarm, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni u hija lesta tadotta u timplimenta l-acquis relatat. L-UE tieħu nota li l-Moldova hija stat parti għall-ftehimiet internazzjonali ewlenin kollha li jikkonċernaw in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, kif ukoll fil-qasam tal-armi konvenzjonali. L-UE tissottolinja l-importanza tal-allinjament mal-pożizzjonijiet tal-UE f'diversi fora internazzjonali dwar in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi, prijorità importanti tal-UE.

L-UE tieħu nota li l-Moldova qed taħdem fuq dokument ta' politika nazzjonali ddedikat dwar l-**Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW)** u fuq struttura ta' implimentazzjoni u tħeġġeġ lill-Moldova tippersisti fl-isforzi tagħha u tadotta dokument ta' politika nazzjonali, malajr kemm jista' jkun, u tieħu vantaġġ mill-appoġġ disponibbli ffinanzjat mill-UE. L-UE tħeġġeġ lill-Moldova tadotta dokument ta' politika nazzjonali dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir, ibbażat fuq il-prinċipji deskritti fl-Istrateġija tal-UE Kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon Tagħhom.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, l-UE tinnota, li l-Moldova hija membru attiv ta' aktar minn 90 organizzazzjoni internazzjonali, inkluż istituzzjonijiet ewlenin bħan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa, u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. L-UE tinnota wkoll li l-Moldova hija Stat Parti għall-Istatut ta' Ruma, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011. L-UE tinnota l-allinjament konsistenti tal-Moldova mal-pożizzjonijiet tal-UE f'fora internazzjonali, inkluż fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li juri l-impenn tagħha għall-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. L-UE thegġegħ lill-Moldova tkompli bl-isforzi tagħha biex tissodisfa l-obbligi tagħha u timplimenta rakkomandazzjonijiet minn diversi korpi internazzjonali.

L-UE tieħu nota pożittiva tal-involvement proattiv tal-Moldova f'fora internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari tal-appoġġ sistematiku u l-allinjament mal-prijoritajiet u l-azzjonijiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. L-UE tilqa' l-impenn tal-Moldova li tkompli tallinja l-prijoritajiet tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III (GAP III).

L-UE tinnota li ilu fis-seħħ mill-2018 Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni (SIA) bejn l-UE u l-Moldova. L-UE tinnota wkoll li is-SIA kien segwit minn Arranġament ta' Implimentazzjoni effettiv mis-26 ta' Jannar 2021. L-UE tinnota li l-Moldova esprimiet ir-rieda tagħha li tkompli tallinja mal-miżuri ta' sigurtà tal-UE u tinsab fil-proċess li ssaħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali tagħha u tiżviluppa aktar miżuri leġiżlattivi, fiżiċi u tekniċi. L-UE tissottolinja li l-Moldova ser ikollha bżonn tallinja ruħha ma' dawn ir-regoli sal-adeżjoni biex tkun f'pożizzjoni li tiżgura skambju elettroniku sigur ta' informazzjoni klassifikata.

L-UE tinnota l-Istrateġija ta' Sigurtà Nazzjonali u l-Istrateġija ta' Difiża Nazzjonali ġodda tal-Moldova li jqisu kemm il-kuntest attwali tat-theddid kif ukoll l-approċċi kunċettwali rilevanti għall-għieda kontra t-**theddid ibridu**, b'enfasi aktar qawwija fuq approċċ integrat u ta' gvern sħiħ. L-UE tistieden lill-Moldova timplimenta azzjonijiet u tagħmel aktar sforzi biex tikkoordina strutturalment l-isforzi fost l-awtoritajiet u l-oqsma tal-gvern. L-UE thegġegħ lill-Moldova tkompli bl-isforzi tagħha biex tkompli d-determinazzjoni tagħha li tindirizza b'mod effettiv il-**manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin** (FIMI), inkluż id-diżinformazzjoni, u tiegħu azzjonijiet għall-bini tar-reżiljenza soċjetali kontra l-FIMI u forom oħra ta' theddid ibridu. Minħabba l-intensità tal-interferenza tar-Russja, l-UE thegġegħ lill-Moldova tadatta b'mod kostanti l-għodod biex tiġġieled kontra l-FIMI, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod tal-UE kontra l-FIMI u l-adozzjoni eventwali ta' leġislazzjoni allinjata mad-DSA.

L-UE tinnota l-isforzi tal-Moldova biex tirrifirma u timmodernizza s-settur tad-difiża tagħha b'aktar enfasi fuq l-integrazzjoni fl-arkitettura tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, il-Moldova **qed issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' difiża militari** permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi,

L-UE tilqa' ż-żieda fil-kooperazzjoni mal-Moldova fi kwistjonijiet relatati mas-**sigurtà u d-difiża**, inkluż l-iffirmar tas-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża (strument mhux vinkolanti) bejn l-UE u l-Moldova f'Mejju 2024, li tistabbilixxi pjattaforma għal djalogu u kooperazzjoni msaħħa u b'hekk issaħħaħ il-kapaċitajiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, filwaqt li tirrifletti d-djalogu u l-kooperazzjoni dejjem akbar bejn iż-żewġ naħat.

L-UE tiegħu nota tal-kontribut tal-Moldova f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE għall-maniġġar ta' kriżijiet fil-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)**, b'mod partikolari għall-EUFOR Althea fil-Bożnija-Ħerzegovina u l-EUTM Somalia. L-UE tinnota wkoll il-kontributi preċedenti tal-Moldova għall-EUTM Mali u l-EUTM fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

L-UE tieħu nota tal-interess tal-Moldova li tipparteċipa fi proġetti ta' **Kooperazzjoni Strutturata Permanenti** (PESCO). L-UE tistieden lill-Moldova tkompli bl-isforzi tagħha biex tipparteċipa fi proġetti rilevanti tal-PESCO fil-ġejjieni. Bħala qafas immexxi mill-Istati Membri, tali talbiet l-ewwel jiġu evalwati minn parteċipanti tal-proġetti rispettivi.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża**, il-Moldova għandha qafas legali fis-seħħ għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fid-dritt kriminali tagħha. L-UE tistenna li l-Moldova tintensifika l-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz ta' infurzar effettiv u sostnut tal-miżuri kontra l-korruzzjoni, inkluż miżuri preventivi u sensibilizzazzjoni u billi ssaħħaħ il-koordinazzjoni interistituzzjonali bejn il-korpi rilevanti kontra l-korruzzjoni.

* * *

Fid-dawl tal-istat preżenti tat-tnejjiet, l-UE tinnota li, bil-fehim li l-Moldova għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE kopert mill-kapitoli li ġejjin u fl-implimentazzjoni tiegħu, dawn il-kapitoli jistgħu jingħalqu proviżorjament biss ladarba jkun maqbul mill-UE li l-parametri referenzjarji li ġejjin ikunu ġew sodisfatti:

Kapitolu 30 – Relazzjonijiet esterni

- Il-Moldova tkompli tallinja l-qafas legali tagħha mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/821 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, kif emendat, mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/452 dwar l-iskrinjar tal-IDB, kif emendat, u tallinja l-qafas legali tagħha mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/125 kontra t-tortura.
- Il-Moldova tippreżenta lill-Kummissjoni pjan ta' azzjoni b'inventarju komprensiv tal-ftehimiet internazzjonali tagħha bl-għan li dawn il-ftehimiet jinġiebu f'konformità mal-acquis mill-jum tal-adeżjoni.

Kapitolu 31 – Politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża

- Il-Moldova tadotta dokument ta' politika nazzjonali dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir 2025, ibbażat fuq il-prinċipji deskritti fl-Istrateġija tal-UE Kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjon Tagħhom, li jiddeskrivi l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali, l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu u tagħmel progress konkret fl-implimentazzjoni tagħha.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Moldova, il-kapaċità tagħha li tlesti l-allinjament legali fis-setturi kollha taħt din il-ġabra, kif ukoll progress ulterjuri fl-implimentazzjoni u l-infurzar. Jeħtieġ li jitqiesu b'mod partikolari r-rabtiet bejn il-kapitoli ta' din il-ġabra u kapitoli oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Moldova mal-acquis tal-UE kif ukoll tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal din il-ġabra f'mument xieraq.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis tal-UE ġdid bejn it-8 ta' Lulju 2026 u l-konklużjoni tan-negozjati.